MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 588/2001/1

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Wands Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi.**

**vs**

**Gollcher Company Limited bhala rapprezentanti ta' Odino Valperga S.p.A. u bhala rapprezentanti tal-armaturi/charterers tal-bastiment Lince u bhala operaturi tal-Bonded Stores ta' Hal Far**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Lulju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta’ attrici fit-18 ta’ Gunju, 2001, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta illi jhallsu s-somma komplessiva ta’ tliet mija u erbgha u hamsin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm354.49) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi, rapprezentanti nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata taghhom u spejjez tas-survey relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura w il-kustodja tal-konvenuti, jew min minnhom, liema merkanzija waslet Malta fuq il-bastiment Lince fl-10 ta’ Lulju, 2000, liema danni diga thallsiu mis-socjeta’ attrici.

Bl-imghax legali mit-18 ta’ Gunju 2001, u bl-ispejjez kontra l-konvenuti, jew min minnhom li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet ta’ Gollcher Campany Limited fil-kwalitajiet taghha citata fejn eccepiet:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huma m’humiex responsabbli ghall-hsarat u/jew nuqqasijiet lamentati;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju tal-premess, kwalunkwe ammont ta’ danni li jista’ jigi likwidat favur l-atturi ghandu jigi limitat ai termini tal-klawzoli u kundizzjonijiet vigenti fil-polza ta’ kariku relattiva li jirregolaw il-gatrr ta’ merkanzija de quo.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi bil-verbal tat-22 ta’ Jannar, 2002, (Fol 28) il-partijiet qablu li kien hemm erbatax-il (14) kartuna nieqsa mill-

konsenja illi giet importata Malta fl-10 ta Lulju, 2000, mis-socjeta' Wands;

Rat ukoll l-istess verbal fejn gie ddikjarat illi s-socjeta' estera "Odino Valperga" marret fi stralc u rat ukoll id-dokumenti esebiti sabiex jikkonfermaw dan l-istat;

Rat ukoll illi ma saritx talba ghall-hatra ta' kuraturi biex jirraprezentaw din is-socjeta' estera u li l-kawza kellha titkompla kontra s-socjeta' konvenuta bhala rapprezentanti tal-bastiment u operaturi tal-*bonded stores*.

Irrizulta mill-provi illi fl-10 ta' Lulju, 2000, is-socjeta' Wands kienet impurat Malta hames *pallets*, b'mitejn u sittin (260) kartuna nbid fuq il-vapur 'Lince'. Is-socjeta' msemmija kienet qabbdet lis-socjeta' Gollcher sabiex torganizza l-gbir u it-trasport ta' din il-merkanzija mill-Italja ghal Malta. Izda meta l-merkanzija gie kkonsenjata lis-socjeta' Wands instab illi kien hemm erbatax-il (14) kartuna nieqsa.

Din is-socjeta' illi kienet assikurata mas-socjeta' attrici, ghamlet *claim*, sar *survey* u thallset l-ammont ta' tliet mija u wiehed u tletin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm331.49). L-ispejjez tas-*survey* telghu ghal tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm23).

Ir-rapprezentant tas-socjeta' Wands, George Micallef xehed illi huwa l-Financial Controller u illi s-socjeta' Wands kienet irceviet konsenja ta' mitejn u sitta u erbghin (246) kartuna nbid mill-mitejn u sittin (260) kartuna illi kienet originarjament impurtat. Din il-merkanzija l-ewwel ittiehed fil-*bonded stores* ta' Gollcher u imbaghad fil-*bonded stores* ta' Wands fejn in-nuqqasijiet gew osservati l-ewwel darba.

Peter Fleri Soler, is-Sales Manager tas-socjeta' Gollcher xehed illi s-socjeta' Wands kienet qabbdet lis-socjeta' minnu rapprezentata sabiex torganizza t-trasport lejn Malta tal-merkanzija mpurtata mill-Italja.

Ghal din l-operazzjoni Gollcher kienet qabbdet lis-socjeta' estera 'Odino Valperga' sabiex torganizza t-trasport. Meta l-*container* wasal Malta nstab li s-sigilli kienu kollha ntatti u l-*unstraffing* tal-*container* kien taht l-osservazzjoni ta' mpjegat tas-socjeta' Gollcher, Colin MIcallef. Kien f'dak l-istadju illi gew osservati dawn in-nuqqaasijiet. Sar l-'Out-Turn Report' (ara Fol 33) fejn infurmaw lis-socjeta' Wands b'dawn in-nuqqasijiet.

Ma rrizultax illi kien hemm xi hadd prezenti mill-importatur jew mill-burdnar waqt l-*unstaffing* tal-*container*.

Ikkunsidrat:

Peress illi s-socjeta' estera 'Odino Valperga" qeda fi stralc u peress illi ma gewx moninati kuraturi sabiex jiehdu hsieb l-interessi ta' din is-socjeta', il-Qorti ma tistax tikkundanna lis-socjeta' Gollcher bhala rapprezentanti tas-socjeta' "Odino Valperga". Izda peress illi ghandha kwalitajiet ohra ghal x'hiex twiegeb, il-Qorti sejra tikkonsidra dawn l-istess kwalitajiet u responsabbilta' ta' l-istess socjeta' Gollcher.

Irrizulta mill-provi illi din is-socjeta' rrapprezentat il-vapuri jew *charterers* tal-bastiment 'Lince', kif ukoll operat il-*bonded stores* ta' Hal Far fejn gew osservati n-nuqqasijiet.

Minkejja li rrizulta li s-sigilli tal-*container* kienu ntatti, meta l-*container* kien qed jinhatt gie osservat illi kien hemm erbatax-il (14) kartuna nieqsa mill-mitejn u sittin (260) illi originarjament gew impurtati. Waqt it-tehid ta' dan il-*container* ma kien hemm hadd prezenti oltre r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, illi ma xehedx quddiem din il-Qorti peress li fil-mori ma baqax aktar impjegat ma' l-istess socjeta'. Ghalhekk anki x-xhieda ta' Peter Fleri Soler ghandha tittiehed bhala wahda bbazata fuq id-dokumenti u mhux ghax kien prezenti dakinhar tal-*unstaffing* tal-*container*.

Dan ifisser quindi, illi s-socjeta' konvenuta assumiet ir-responsabbilta' ta' dan il-hatt waheda minghajr ma

assikurat illi jkun hemm xi hadd indipendenti illi seta' jissorvelja l-operazzjoni.

Din il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet sabiex tirrimarka dwar din il-procedura, fejn allura r-responsabbilta' tibqa' fuq l-istess socjeta' peress illi hu probabbli li n-nuqqasijhiet avverraw ruhhom propju f'dak l-istadju waqt illi kien qieghed jinhatt il-*container*.

Din il-Qorti ma kellhiex il-konfort tax-xhieda diretta tal-persuna illi effettivament kien qieghed fuq il-post tissorvelja x-xoghol u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara lis-socjeta' Gollcher bhala operaturi tal-*bonded stores* responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet.

Hemm diversi modi kif is-socjeta' konvenuta tista' tezimi ruhha mir-responsabbilta' ghal xi nuqqasijiet jew hsara waqt l-*unstaffing* ta' *container*.  La ma haditx dawn il-mizuri u din l-operazzjoni saret esklussivament min-nies taghha minghajr solverjanza ta' xejn, allura din is-socjeta' ghandha tirrispondi ghal kull nuqqas li seta' kien hemm f'dak l-istadju ta' l-operazjoni.

Peress illi rrizulta, kif gia nghad, illi n-nuqqasijiet gew osservati waqt l-*unstaffing*, fejn kien hemm prezenti biss ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, allura l-probabbilta' hija li kien propju f'dak l-istadju li avverraw ruhhom id-danni reklamati mis-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta bhala rapprezentanti ta' l-armaturi/*charterers* tal-bastiment 'Lince' u bhala operaturi tal-*bonded stores* ta' Hal Far biex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' tliet mija u erbgha u hamsin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm354.49) rapprezentanti nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assikurata tas-socjeta' attrici u spejjez tas-*survey* relattivi waqt illi dawn kienu fil-kura w il-kustodja tas-socjeta' konvenuta, liema merkanzija waslet Malta fuq il-bastiment 'Lince' fl-10 ta' Lulju, 2000.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra s-socjeta' konvenuta fil-kwalita` premessa."

Is-socjeta` konvenuta mharrka f'zewg vesti appellat minn din is-sentenza. In veste ta' bond operator hi hassitha aggravata bil-fatt illi l-ewwel Qorti sabitha responsabbli ghan-nuqqasijiet fil-merce importata meta invece l-provi ma kienux iwasslu ghal konkluzjoni bhal din. Hi infatti tissottometti f'dan il-kuntest u veste illi "l-provi juru l-oppost u cjoe illi n-nuqqasijiet gew kostatati qabel ma effettivament dahlu fil-bond".

Kwantu citata bhala rapprezentant ta' l-armaturi tal-bastiment is-socjeta` konvenuta tobbjetta illi l-armaturi ma gewx identifikati u allura taht dan l-aspett id-decizjoni moghtija kellha tqis l-avviz irritu u certament mhux esegwibbli. Dippju, tissottometti wkoll, illi skond il-polza tal-kariku t-trasportatur hu raffigurat mis-socjeta` estera Odino Valperga Spa, li ma gietx ukoll citata, u ghalhekk ukoll ma kienet tezisti l-ebda raguni guridika ghall-kundanna tal-armaturi jew charterers tal-vapur.

Brevement ri-epilogati l-fatti f'din il-kawza kienu s-segwenti:-

1. Is-socjeta` Wands Ltd importat f'Malta mitejn u sittin (260) kartuna nbid "Antinari" mill-Italja. Ara Invoice a fol 20.
2. Din il-partita ngarret f'groupage container issiggillat permezz tal-vapur "LINCE" skond polza tal-kariku mahruga mill-freight forwarders Odino Valperga S.p.a. (kopja taghha esebita a fol 19).
3. Wara li nhatt minn fuq il-vapur il-container iddahhal fil-bonded stores tas-socjeta` appellanti fejn il-merce giet de-stuffed u minn hemm ingarret ghall-imhazen tas-socjeta` mportatrici. Ara xiehda ta' George Micallef a fol 24.
4. Peter Fleri Soler (fol 30), Sales Manager tas-socjeta` konvenuta, ikkonferma illi waqt il-process tal-hatt minn gewwa l-container nstabu xi kaxxi miftuhin u affarijiet neqsin minnhom. Dan kif illustrat mir-rapport intern tal-

kumpanija (fol 33). Dan ix-xhud jaccetta illi huma ghaddew il-merkanzija lis-socjeta` mportatrici b'erbatax (14) il-kartuna nieqsa.
5. Is-socjeta` Wands Ltd giet rizarcita mis-socjeta` assiguratrici attrici l-ammont reklamat korrispondenti ghan-nuqqasijiet verifikati. Ara deposizzjoni ta' Brian Valenzia (fol 12) u Survey Report (fol 15).

Il-Qorti ser tghaddi biex fl-ewwel lok tiddispensa mill-aggravju tas-socjeta` konvenuta appellanti fil-veste taghha ta' rapprezentanti ta' l-armaturi/charterers tal-vapur, anke ghaliex jidhrilha li ghall-ewwel parti tieghu tali aggravju huwa proceduralment insostenibbli.

L-Artikolu 181A (3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili in effetti jiddisponi illi "meta ghandha tigi pprezentata skrittura minn jew kontra bastimenti jew ingenji ohra tal-bahar, ikun bizzejjed li jissemma l-isem ta' dak il-bastiment jew ta' dawk l-ingenji l-ohra, skond il-kaz, u ma jkunx mehtieg li jissemma l-isem ta' xi persuna sabiex tirrapprezenta lil dak il-bastiment jew dawk l-ingenji".

Fil-kaz in ezami, mill-premessi ta' din id-disposizzjoni, jirrizulta li l-avviz hu ben impostat u ghalhekk ma huwiex il-kaz illi l-ewwel Qorti kellha tiddikjara irritu u null l-avviz intavolat. Del resto dan lanqas biss gie hekk eccepit u allura la l-ewwel Qorti u wisq anqas din il-Qorti ta' revizjoni ma kellha jew ghandha xi obbligu li tiddeciedi kwestjoni li l-partijiet ma ssottomettewx ghall-attenzjoni taghha jew tokkupa ruhha minn aggravju fuq punt mhux deciz fis-sentenza denuncjata.

Fit-tieni parti tal-aggravju ta' din l-istess socjeta` appellanti kif hekk imharrka jinghad illi l-polza tal-kariku turi li t-trasportatur ma kienux l-armaturi/charterers tal-vapur izda Odino Valperga S.p.a, li kif indikat fl-istess polza (fol 19) huma freight forwarders.

Huwa saput illi f'operazzjonijiet ekonomici – kummercjali ta' din ix-xorta spiss drabi dawk involuti fihom jassumu natura guridika diversa minn dik solita. Kollox jiddependi

skond il-funzjonijiet li jizvolgu. Dan hu hekk fil-kaz ta' agenziji marittimi, vetturali bil-bahar u anke freight forwarders. Solitament freight forwarder ghandu l-veste guridika ta' intermedjarju biex iwassal il-merce minn punt ta' destinazzjoni ghall-punt ta' destinazzjoni iehor f'operazzjoni triangulari li normalment tinvolvi l-ispedizzjonijier u r-ricevitur. F'tali operazzjoni imbaghad jinserixxu ruhhom ukoll ir-rakkomandatarju tal-vapur, l-agent u l-vettural bil-bahar. Hi pero` realta` wkoll illi freight forwarder jista` jkun hu wkoll it-trasportatur u allura oltre l-funzjoni solita tieghu ta' intermedjarju tal-merce u tat-twassil taghha hu jassumi wkoll il-funzjoni ancillari ta' vettural. Hekk jirrizulta li hu dan il-kaz.

Dan ma jfisserx pero` illi fuq il-bazi ta' din il-konsiderazzjoni s-socjeta` appellanti ghandha ragun fl-aggravju taghha. Mill-istess polza jirrizulta li l-vapur inkarigat mit-trasport bil-bahar tal-merkanzija hu dak l-istess kif indikat fl-avviz u hu dan li gie imharrek apparti konvenuti ohra. Tali polza tikkostitwixxi prova li l-merkanzija tghabbiet fuq il-vapur. Ara "**Neg. Joseph Arrigo –vs- Neg. William J. Smith nomine**", Appell Kummercjali, 15 ta' Marzu 1875. Dan id-dokument ghalhekk "jaghmel prova bejn il-partijiet kollha interessati fit-taghbija" (Art 325 Kodici Kummerc). Li jfisser illi l-vapur iwiegeb ghal kull hsara jew nuqqas li ggarrab il-merkanzija. Tali oneru jinkombi fuq l-istess vapur billi hu prezunt "che la merce sia stata ricevuta a bordo in buona condizione" (**Vol XXIV pI p995**) u allura hu mistenni li hekk jiskarikaha. ("**Carmelo Zammit Pace nomine –vs- Victor Brockdorff nomine**", Qorti Kummerc, 16 ta' Mejju 1993).

Dan premess, anke allura dan l-aggravju ma jistghax jircievi favur. Ciononostante, dan ma jfisserx illi l-vapur kellu fattwalment jinsab responsabbli. Evalwati l-elementi probatorji f'dan il-kaz kellu jirrizulta anke lill-ewwel Qorti illi l-container tghabba issiggillat fuq il-vapur. Ara rimarka fuq l-istess polza li tafferma "Goods said to be stored into 1x40' Box marked GRU 420188-9 Seal 000019". Mid-deposizzjoni ta' Peter Fleri Soler jinghad illi meta dan l-istess container iddahhal fil-bond tas-socjeta` konvenuta

“s-sigill tal-container kien ghadu ntatt” (fol 31). Jekk hekk kien ghadu sal-mument tad-“destuffing”, certament allura ma jistax jinstab in-ness ta’ responsabilita` li b’xi mod jikkoinvolgi lill-vapur. Ara f’dan l-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet “**Stephen Conti nomine –vs- Joseph Apps nomine**”, Appell, 27 ta’ Jannar 1997.

Dan stabbilit mhux l-istess jista’ jinghad fil-kaz tal-appellant in veste ta’ bond operator. Veste din li tirraffigura l-posizzjoni guridika ta’ depozitarju. Li jfisser li hu kellu jikkustodixxi u jiehu kura tal-merce ‘uti bonus paterfamilias’ a sensu tal-Artikolu 1899 tal-Kodici Civili. Jekk jonqos minn dan id-dmir huwa jkun responsabbli tat-telf jew hsara li tali nuqqas igib lil sid il-merce. Tali principju huwa applikat b’akbar rigur meta d-depozitu huwa salarjat (**Vol XXIX pI p1422**).

Meta tali principji jigu applikati ghall-fatti tal-kaz wiehed isib bhala haga certissima illi n-nuqqas fil-merce de quo sehhet fil-process tad-destuffing. Nuqqas li l-istess socjeta` appellanti fir-rapport intern taghha tattribwixxi ghall-“pilferage”.

Issa hi ssostni l-posizzjoni illi dan in-nuqqas gie notat waqt li kien qed isir id-de-stuffing. Tali posizzjoni ma hija xejn konvincenti u tista’ titqies biss semplici allegazzjoni. Dan, multo magis, imbaghad meta tonqos il-prova sodisfacenti li dan kien hekk il-kaz. Ix-xhieda ta’ Peter Fleri Soler, li ma jidherx li kien prezenti waqt id-destuffing, ma tistax wehidha twassal biex konvincevolment jinghad illi n-nuqqas sar fil-kors tal-istivar tal-merkanzija mill-freight forwarder gewwa l-container. Mill-provi jirrizulta li l-persuna li kienet responsabbli mid-destuffing jew li assista ghall-iskarikar tal-merkanzija minn gol-container kien certu Colin Micallef. Dan pero` ma giex prodott biex jixhed u allura din il-Qorti bhal dik ta’ qabilha, ma tistax taccetta illi sempliciment toqghod fuq id-deposizzjoni tax-xhud Peter Fleri Soler hekk bazata unikament fuq id-dokumenti u mhux ghax ra l-merkanzija ‘de visu’. Dan aktar u aktar meta l-imsemmi Colin Micallef kienet il-persuna idonea producibbli u li setghet tigi prodotta biex toffri x-xhieda korroboratrici taghha tal-fatti u tad-dokumenti. F’tali

sitwazzjoni ma jistax konsegwentement jinghad illi s-socjeta` appellanti 'qua bond operator' iddizimpenjat ruhha biex sufficjentement u sodisfacentement tiddemostra illi n-nuqqas avverat ma sarx bi htija taghha. Il-produzzjoni ta' Colin Micallef kellha tkun l-ahjar prova taghha. Zgur, imbaghad, ma kellux ikun mistenni illi l-Qorti tikkonduci hi l-provi tal-partijiet. Ghalhekk dan l-aggravju ma jistax jitqies tenibbli.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li fuq il-bazi tal-provi ssib illi s-socjeta` appellanti bhala rapprezentanti tal-armaturi/charterers tal-bastiment LINCE ma kelliex tinstab fi htija ghan-nuqqasijiet riskontrati fil-merce importata u kellha ghalhekk tigi liberata, tichad l-appell interpost mill-istess socjeta` appellanti bhala operatur tal-Bonded Stores u b'hekk f'dan is-sens u ghal din ir-raguni tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` appellanti Gollcher Company Limited bhala operaturi tal-bonded stores.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------